**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2021/0105(COD)**

8.3.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-makkinarju u l-prodotti relatati
(COM(2021)0202 – C9-0145/2021 – 2021/0105(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marianne Vind



*Magħquda fid-diversità*

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Is-settur tal-makkinarju huwa parti importanti mill-industrija tal-inġinerija u huwa wieħed mill-pedamenti industrijali tal-ekonomija tal-Unjoni. Il-kost soċjali tal-għadd kbir ta' aċċidenti kkawżati direttament mill-użu tal-makkinarju jista' jitnaqqas permezz tad-disinn u l-kostruzzjoni sikuri b'mod inerenti u permezz ta' installazzjoni u manutenzjoni xierqa. | (2) Is-settur tal-makkinarju huwa parti importanti mill-industrija tal-inġinerija u huwa wieħed mill-pedamenti industrijali tal-ekonomija tal-Unjoni. Il-kost soċjali tal-għadd kbir ta' aċċidenti kkawżati direttament mill-użu tal-makkinarju jista' jitnaqqas permezz tad-disinn u l-kostruzzjoni sikuri b'mod inerenti u permezz ta' installazzjoni u manutenzjoni xierqa. ***F'dan l-isfond u fid-dawl tal-implimentazzjoni li ġejja tal-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 u l-approċċ tiegħu ta' "viżjoni żero" għall-imwiet relatati max-xogħol, l-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma li jistabbilixxi saħħa okkupazzjonali ambizzjuża u rekwiżiti ta' sikurezza għall-makkinarju u l-prodotti relatati.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Rekwiżiti ta' livell għoli ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali huma essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u postijiet tax-xogħol sikuri. Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom hija kruċjali biex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, inkluż meta jiġu installati u*** |

| | |
|---|---|
| | ***mħaddma l-makkinarju u l-prodotti relatati. Min iħaddem, t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali fil-post tax-xogħol. Għandhom ikunu involuti mill-qrib fil-fażijiet rilevanti kollha rigward il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-politiki tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Fis-settur tal-makkinarju, madwar 98 % tal-kumpaniji huma intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs). Sabiex jitnaqqas il-piż regolatorju fuq l-SMEs, jenħtieġ li l-korpi notifikati jadattaw it-tariffi għall-valutazzjonijiet tal-konformità u jnaqqsuhom b'mod proporzjonali għall-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs. | (24) Fis-settur tal-makkinarju, madwar 98 % tal-kumpaniji huma intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs). Sabiex jitnaqqas il-piż regolatorju fuq l-SMEs, jenħtieġ li l-korpi notifikati jadattaw it-tariffi għall-valutazzjonijiet tal-konformità u jnaqqsuhom b'mod proporzjonali għall-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs. ***Ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw bl-istess mod għall-impriżi kollha.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità tal-makkinarju u l-prodotti relatati mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'rabta mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, fejn xieraq, tal-annimali domestiċi u tal-proprjetà u, fejn applikabbli, tal-ambjent, kif ukoll | (25) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità tal-makkinarju u l-prodotti relatati mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'rabta mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, ***b'mod partikolari l-ħaddiema u l-utenti,*** fejn xieraq, tal-annimali domestiċi u tal- |

kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.

proprjetà u, fejn applikabbli, tal-ambjent, kif ukoll kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-makkinarju u l-prodotti relatati minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ma jippreżentawx riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, fejn xieraq, għall-annimali domestiċi u għall-proprjetà u, fejn applikabbli, għall-ambjent, u b'mod partikolari, li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa mill-manifatturi fir-rigward ta' tali makkinarju u l-prodotti relatati. Għalhekk, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex jiżguraw li l-makkinarju u l-prodotti relatati li jqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ma jippreżentawx riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, fejn xieraq, għall-annimali domestiċi u għall-proprjetà u, fejn applikabbli, għall-ambjent. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni wkoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u li l-markatura CE u d-dokumentazzjoni teknika mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għal spezzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. | (32) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-makkinarju u l-prodotti relatati minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ma jippreżentawx riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, ***b'mod partikolari l-ħaddiema u l-utenti,*** fejn xieraq, għall-annimali domestiċi u għall-proprjetà u, fejn applikabbli, għall-ambjent, u b'mod partikolari, li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa mill-manifatturi fir-rigward ta' tali makkinarju u l-prodotti relatati. Għalhekk, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex jiżguraw li l-makkinarju u l-prodotti relatati li jqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ma jippreżentawx riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, fejn xieraq, għall-annimali domestiċi u għall-proprjetà u, fejn applikabbli, għall-ambjent. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni wkoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u li l-markatura CE u d-dokumentazzjoni teknika mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għal spezzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (35) Bil-ħsieb li jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza tal-utenti tal-makkinarju u l-prodotti relatati, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw li d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, bħall-istruzzjonijiet tal-utent, filwaqt li jkun fiha informazzjoni preċiża u li tinftiehem, tkun tinftiehem faċilment, tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u l-bidliet fl-imġiba tal-utent finali, kif ukoll tkun kemm jista' jkun aġġornata. Meta l-makkinarju u l-prodotti relatati jitqiegħdu fis-suq f'pakketti li jkun fihom unitajiet multipli, jenħtieġ li l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni jakkumpanjaw l-iżgħar unità disponibbli kummerċjalment. | (35) Bil-ħsieb li jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza tal-utenti tal-makkinarju u l-prodotti relatati, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw li d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, bħall-istruzzjonijiet tal-utent, filwaqt li jkun fiha informazzjoni preċiża u li tinftiehem, tkun tinftiehem faċilment ***u disponibbli bil-lingwi rilevanti kollha***, tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u l-bidliet fl-imġiba tal-utent finali, kif ukoll tkun kemm jista' jkun aġġornata. Meta l-makkinarju u l-prodotti relatati jitqiegħdu fis-suq f'pakketti li jkun fihom unitajiet multipli, jenħtieġ li l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni jakkumpanjaw l-iżgħar unità disponibbli kummerċjalment. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (39) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ***ikun limitat għall-istabbiliment tar-rekwiżiti essenzjali*** tas-saħħa u s-sikurezza, issupplimentati minn għadd ta' rekwiżiti aktar speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' makkinarju u l-prodotti relatati. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, huwa meħtieġ li tiġi prevista preżunzjoni tal-konformità għall-makkinarju li huwa konformi mal-istandards armonizzati li huma żviluppati u li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] bl-iskop li jiġu espressi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. | (39) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ***jistabbilixxi rekwiżiti*** tas-saħħa u s-sikurezza, issupplimentati minn għadd ta' rekwiżiti aktar speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' makkinarju u l-prodotti relatati. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, huwa meħtieġ li tiġi prevista preżunzjoni tal-konformità għall-makkinarju li huwa konformi mal-istandards armonizzati li huma żviluppati u li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] bl-iskop li jiġu espressi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. |
| [12] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal- | [12] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal- |

| | |
|---|---|
| Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE(52), 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12). | Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE(52), 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12). |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(39a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tistabbilixxi mekkaniżmu ta' twissija fl-istruttura istituzzjonali eżistenti biex fil-futur tidentifika n-nuqqasijiet relatati mas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali ta' dan ir-Regolament fi stadju bikri, speċjalment fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi bażi tad-data dwar il-korrimenti (IDB)[1], li tkopri t-tipi kollha ta' korrimenti marbuta mal-użu tal-makkinarju u l-prodotti relatati, biex timmonitorja r-riskji. L-involviment tas-sħab soċjali huwa essenzjali fiż-żewġ każijiet.*** <br> ______________ <br> ***[1]https://ec.europa.eu/health/system/files/2020-12/idb_flyer_en_0.pdf*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ***essenzjali*** tas-saħħa u s-sikurezza. Ir-rikors għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jintuża bħala soluzzjoni ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, pereżempju, meta l-proċess ta' standardizzazzjoni jiġi mblukkat minħabba nuqqas ta' kunsens bejn il-partijiet ikkonċernati jew ikun hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standard armonizzat. Tali dewmien jista' pereżempju jseħħ meta ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa. | (40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza. Ir-rikors għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jintuża bħala soluzzjoni ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, pereżempju, meta l-proċess ta' standardizzazzjoni jiġi mblukkat minħabba nuqqas ta' kunsens bejn il-partijiet ikkonċernati jew ikun hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standard armonizzat. Tali dewmien jista' pereżempju jseħħ meta ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Jenħtieġ li l-konformità mal-istandards armonizzati u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni tkun volontarja. Għalhekk, jenħtieġ li jkunu aċċettabbli soluzzjonijiet tekniċi alternattivi meta tintwera l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti ***essenzjali rilevanti*** tas-saħħa u s-sikurezza fil-fajl tekniku. | (41) Jenħtieġ li l-konformità mal-istandards armonizzati u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Kummissjoni tkun volontarja ***iżda jenħtieġ li din titqies bħala gwida***. Għalhekk, jenħtieġ li jkunu aċċettabbli soluzzjonijiet tekniċi alternattivi meta tintwera l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza fil-fajl tekniku. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Jenħtieġ li r-rekwiżiti ***essenzjali*** tas-saħħa u s-sikurezza jiġu ssodisfati sabiex jiġi żgurat li l-makkinarju u l-prodotti relatati jkun sikur. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu applikati b'dixxerniment biex jitqiesu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-mument tal-kostruzzjoni u r-rekwiżiti tekniċi u ekonomiċi. | (42) Jenħtieġ li r-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza jiġu ssodisfati sabiex jiġi żgurat li l-makkinarju u l-prodotti relatati jkun sikur. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu applikati b'dixxerniment biex jitqiesu l-ogħla livell ***u r-riskji prevedibbli*** ta' żvilupp tekniku fil-mument tal-kostruzzjoni u r-rekwiżiti tekniċi u ekonomiċi. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Bil-ħsieb li jiġu indirizzati r-riskji li jinħolqu minn azzjonijiet malizzjużi ta' partijiet terzi li għandhom impatt fuq is-sikurezza tal-makkinarju u l-prodotti relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi r-rekwiżiti ***essenzjali*** tas-saħħa u s-sikurezza li għalihom tista' tingħata preżunzjoni ta' konformità sal-punt xieraq permezz ta' ċertifikat jew dikjarazzjoni ta' konformità maħruġa bħala parti minn skema ta' ċibersigurtà rilevanti adottata skont u f'konformità mal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] . | (43) Bil-ħsieb li jiġu indirizzati r-riskji li jinħolqu minn azzjonijiet malizzjużi ta' partijiet terzi li għandhom impatt fuq is-sikurezza tal-makkinarju u l-prodotti relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi r-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza li għalihom tista' tingħata preżunzjoni ta' konformità sal-punt xieraq permezz ta' ċertifikat jew dikjarazzjoni ta' konformità maħruġa bħala parti minn skema ta' ċibersigurtà rilevanti adottata skont u f'konformità mal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. |
| ______________ | ______________ |
| [13] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15). | [13] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15). |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Il-lista ta' makkinarju b'riskju kbir fl-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE sa issa hija bbażata fuq ir-riskju li jirriżulta mill-użu maħsub jew minn kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli ta' dak il-makkinarju. Madankollu, is-settur tal-makkinarju jinkludi modi ġodda ta' tfassil u kostruzzjoni ta' makkinarju u l-prodotti relatati li jistgħu jimplikaw riskji kbar, irrispettivament minn tali użu maħsub jew kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli. Pereżempju, software li jiżgura funzjonijiet ta' sikurezza ta' makkinarju bbażat fuq l-intelliġenza artifiċjali, kemm jekk ikun inkorporat fil-makkinarju u l-prodotti relatati kif ukoll jekk le, jenħtieġ li jiġi kklassifikat bħala makkinarju u l-prodotti relatati b'riskju kbir minħabba l-karatteristiċi tal-intelliġenza artifiċjali bħad-dipendenza fuq id-data, l-opaċità, l-awtonomija u l-konnettività, li jistgħu jżidu ħafna l-probabbiltà u s-severità tal-ħsara u jaffettwaw b'mod serju s-sikurezza tal-makkinarju u l-prodotti relatati. ***Barra minn hekk, is-suq għal software li jiżgura funzjonijiet ta' sikurezza ta' makkinarju u l-prodotti relatati bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali sa issa huwa żgħir ħafna, li jirriżulta f'nuqqas ta' esperjenza u data.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità tas-software li jiżgura funzjonijiet ta' sikurezza bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali titwettaq minn parti terza. | (45) Il-lista ta' makkinarju b'riskju kbir fl-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE sa issa hija bbażata fuq ir-riskju li jirriżulta mill-użu maħsub jew minn kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli ta' dak il-makkinarju. Madankollu, is-settur tal-makkinarju jinkludi modi ġodda ta' tfassil u kostruzzjoni ta' makkinarju u l-prodotti relatati li jistgħu jimplikaw riskji kbar, irrispettivament minn tali użu maħsub jew kwalunkwe użu ħażin li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli. Pereżempju, software li jiżgura funzjonijiet ta' sikurezza ta' makkinarju bbażat fuq l-intelliġenza artifiċjali, kemm jekk ikun inkorporat fil-makkinarju u l-prodotti relatati kif ukoll jekk le, jenħtieġ li jiġi kklassifikat bħala makkinarju u l-prodotti relatati b'riskju kbir minħabba l-karatteristiċi tal-intelliġenza artifiċjali bħad-dipendenza fuq id-data, l-opaċità, l-awtonomija u l-konnettività, li jistgħu jżidu ħafna l-probabbiltà u s-severità tal-ħsara u jaffettwaw b'mod serju s-sikurezza tal-makkinarju u l-prodotti relatati. Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità tas-software li jiżgura funzjonijiet ta' sikurezza bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali ***u t-tagħlim awtomatiku*** titwettaq minn parti terza. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-makkinarju u l-prodotti relatati koperti minn dan ir-Regolament ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk, meta jiġu installati u użati kif suppost għall-għan maħsub tagħhom, jew taħt kundizzjonijiet tal-użu li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli, ma jipperikolawx is-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni u, fejn xieraq, l-annimali domestiċi u l-proprjetà u, fejn applikabbli, l-ambjent. Jenħtieġ li l-makkinarju u l-prodotti relatati koperti minn dan ir-Regolament jitqiesu bħala mhux konformi mar-rekwiżiti ***essenzjali*** tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti f'dan ir-Regolament biss taħt kundizzjonijiet tal-użu li jistgħu jirriżultaw minn imġiba umana legali u faċilment prevedibbli. | (60) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-makkinarju u l-prodotti relatati koperti minn dan ir-Regolament ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk, meta jiġu installati u użati kif suppost għall-għan maħsub tagħhom, jew taħt kundizzjonijiet tal-użu li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli, ma jipperikolawx is-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni***, b'mod partikolari l-ħaddiema u l-utenti,*** u, fejn xieraq, l-annimali domestiċi u l-proprjetà u, fejn applikabbli, l-ambjent. Jenħtieġ li l-makkinarju u l-prodotti relatati koperti minn dan ir-Regolament jitqiesu bħala mhux konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti f'dan ir-Regolament biss taħt kundizzjonijiet tal-użu li jistgħu jirriżultaw minn imġiba umana legali u faċilment prevedibbli. ***Madankollu, hija mistennija antiċipazzjoni raġonevoli ta' żvilupp u użu potenzjalment ta' periklu biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 65**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (65) Sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u tal-għarfien jew l-evidenza xjentifika ġdida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' makkinarju u l-prodotti relatati b'riskju kbir u tal-lista indikattiva ta' komponenti tas-sikurezza. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ***inkluż fil-livell ta' esperti***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal | (65) Sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u tal-għarfien jew l-evidenza xjentifika ġdida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' makkinarju u l-prodotti relatati b'riskju kbir u tal-lista indikattiva ta' komponenti tas-sikurezza. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ***inklużi s-sħab soċjali u esperti oħra***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tkun qed |

| | |
|---|---|
| l-atti delegati, tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | tħejji u tfassal l-atti delegati, tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (66) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni li permezz tagħhom tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ***essenzjali*** tas-saħħa u s-sikurezza, titlob lill-Istat Membru tan-notifika jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa fir-rigward ta' korp notifikat li ma jissodisfax ir-rekwiżiti għan-notifika tiegħu u tistabbilixxi jekk miżura nazzjonali fir-rigward ta' makkinarju konformi li Stat Membru jsib li jippreżenta riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni hijiex ġustifikata. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] . | (66) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni li permezz tagħhom tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, titlob lill-Istat Membru tan-notifika jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa fir-rigward ta' korp notifikat li ma jissodisfax ir-rekwiżiti għan-notifika tiegħu u tistabbilixxi jekk miżura nazzjonali fir-rigward ta' makkinarju konformi li Stat Membru jsib li jippreżenta riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni***, b'mod partikolari l-ħaddiema u l-utenti,*** hijiex ġustifikata. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. |
| [14] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). | [14] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 76**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (76) Huwa meħtieġ li jiġi previst biżżejjed żmien sabiex l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u sabiex l-Istati Membri jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita,*** | (76) Huwa meħtieġ li jiġi previst biżżejjed żmien ***u b'mod raġonevoli,*** sabiex l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u sabiex l-Istati Membri jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 76a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(76a) L-istandards armonizzati rilevanti għal dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' makkinarju u l-prodotti relatati biex jippermettu t-tqegħid fis-suq jew fis-servizz ta' makkinarju u l-prodotti relatati, u jistabbilixxi regoli dwar il-moviment liberu ta' makkinarju u l-prodotti relatati fl-Unjoni. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' makkinarju u l-prodotti relatati biex jippermettu t-tqegħid fis-suq jew fis-servizz ta' makkinarju u l-prodotti relatati, u jistabbilixxi regoli dwar il-moviment liberu ta' makkinarju u l-prodotti relatati fl-Unjoni ***u jiżgura protezzjoni ta' livell għoli għall-ħaddiema kollha u utenti oħra***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Meta l-makkinarju jkun fih software inkorporat, installat minn qabel jew installat sussegwentement, dan tal-aħħar għandu jitqies bħala parti integrata tal-makkinarju;*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4a – (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a (ġdid)*** |
| | ***Il-Bażi tad-Data Ewropea dwar il-Korrimenti*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha taġġorna u testendi l-Bażi tad-Data Ewropea tal-Korrimenti (IDB), biex tiġbor informazzjoni dwar kull tip ta' korriment marbut mal-makkinarju u l-prodotti relatati koperti minn dan ir-Regolament.*** |
| | ***2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni d-data rilevanti f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodoloġija komuni għall-ġbir tad-data.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' makkinarju u l- | Makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' makkinarju u l- |

| | |
|---|---|
| prodotti relatati b'riskju kbir fl-Anness I jekk huma jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, filwaqt li jitqiesu d-disinn u l-għan maħsub tagħhom. Makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġu rtirati mil-lista ta' makkinarju u l-prodotti relatati b'riskju kbir fl-Anness I jekk ma jibqgħux jippreżentaw tali riskju. Ir-riskju ppreżentat minn makkinarju u l-prodotti relatati partikolari għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kombinament tal-probabbiltà ta' okkorrenza ta' ħsara u s-severità ta' dik il-ħsara. | prodotti relatati b'riskju kbir fl-Anness I jekk huma jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, filwaqt li jitqiesu d-disinn u l-għan maħsub ***u l-użu prevedibbli*** tagħhom. Makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġu rtirati mil-lista ta' makkinarju u l-prodotti relatati b'riskju kbir fl-Anness I jekk ma jibqgħux jippreżentaw tali riskju. Ir-riskju ppreżentat minn makkinarju u l-prodotti relatati partikolari għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kombinament tal-probabbiltà ta' okkorrenza ta' ħsara u s-severità ta' dik il-ħsara. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) statistika dwar l-aċċidenti kkawżati mill-makkinarju u l-prodotti relatati għall-erba' snin preċedenti bbażata fuq, b'mod partikolari, informazzjoni miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), il-klawżoli ta' salvagwardja, is-Sistema ta' Twissija Rapida (RAPEX) ***u r-rapportar*** tal-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju. | (d) statistika dwar l-aċċidenti kkawżati mill-makkinarju u l-prodotti relatati għall-erba' snin preċedenti bbażata fuq, b'mod partikolari, informazzjoni miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), il-klawżoli ta' salvagwardja, is-Sistema ta' Twissija Rapida (RAPEX)***, ir-rapportar*** tal-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju ***u l-Bażi tad-Data Ewropea dwar il-Korrimenti***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). | Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi*** |

***s-sħab soċjali f'dan il-kuntest.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti biex jiżguraw li l-persuni, inklużi l-ħaddiema, ikunu protetti meta jinstallaw u jużaw makkinarju u l-prodotti relatati, diment li tali regoli ma jippermettux li ssir modifika ta' makkinarju u l-prodotti relatati b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dan ir-Regolament. | L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti***, inklużi dawk dwar id-disponibbiltà tat-taħriġ, ir-riżorsi u t-tagħmir suffiċjenti*** biex jiżguraw li l-persuni, inklużi l-ħaddiema, ikunu protetti meta jinstallaw u jużaw makkinarju u l-prodotti relatati, diment li tali regoli ma jippermettux li ssir modifika ta' makkinarju u l-prodotti relatati b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dan ir-Regolament. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Komponent tas-sikurezza b'imġiba jew loġika li tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Makkinarju li jintegra ***sistemi tal-IA li jiżguraw*** funzjonijiet ta' sikurezza. | 25. Makkinarju li jintegra ***komponent li jiżgura*** funzjonijiet ta' sikurezza ***b'imġiba jew loġika li tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 1 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jidentifika l-perikli li jistgħu jiġu ġġenerati mill-makkinarju u l-prodotti relatati u mis-sitwazzjonijiet ta' periklu assoċjati, inklużi l-perikli li jistgħu jiġu ġġenerati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-makkinarju u l-prodotti relatati li huma prevedibbli fiż-żmien tal-introduzzjoni tal-makkinarju u l-prodotti relatati fis-suq bħala evoluzzjoni intenzjonata tal-imġiba jew il-loġika tiegħu li tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali bħala riżultat tal-makkinarju u l-prodotti relatati ddisinjati biex jaħdmu b'livelli differenti ta' awtonomija. F'dan ir-rigward, meta l-makkinarju u l-prodotti relatati jintegraw sistema ta' intelliġenza artifiċjali, il-valutazzjoni tar-riskju tal-makkinarju għandha tqis il-valutazzjoni tar-riskju għal dik is-sistema ta' intelliġenza artifiċjali li tkun twettqet skont ir-Regolament … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill+ dwar approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali+[30] ; . | (c) jidentifika l-perikli li jistgħu jiġu ġġenerati mill-makkinarju u l-prodotti relatati u mis-sitwazzjonijiet ta' periklu assoċjati, inklużi l-perikli li jistgħu jiġu ġġenerati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-makkinarju u l-prodotti relatati li huma prevedibbli fiż-żmien tal-introduzzjoni tal-makkinarju u l-prodotti relatati fis-suq bħala evoluzzjoni intenzjonata tal-imġiba jew il-loġika tiegħu li tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali bħala riżultat tal-makkinarju u l-prodotti relatati ddisinjati biex jaħdmu ***abbażi ta' teknoloġiji tat-tagħlim awtomatiku, potenzjalment*** b'livelli differenti ta' awtonomija. F'dan ir-rigward, meta l-makkinarju u l-prodotti relatati jintegraw sistema ta' intelliġenza artifiċjali, il-valutazzjoni tar-riskju tal-makkinarju għandha tqis il-valutazzjoni tar-riskju għal dik is-sistema ta' intelliġenza artifiċjali li tkun twettqet skont ir-Regolament … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill+ dwar approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali+[30] ; . |
| [30] + ĠU: Fit-test għandu jiddaħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument... u għandhom jiddaħħlu n-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna. | [30] + ĠU: Fit-test għandu jiddaħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument... u għandhom jiddaħħlu n-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 1 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jagħmel stima tar-riskji, filwaqt li | (d) jagħmel stima tar-riskji, filwaqt li |

| | |
|---|---|
| jqis is-severità tal-possibbiltà ta' korrimenti jew ħsara għas-saħħa u l-probabbiltà li dawn iseħħu; | jqis is-severità tal-possibbiltà ta' korrimenti jew ħsara għas-saħħa***, inkluża s-saħħa mentali,*** u l-probabbiltà li dawn iseħħu; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 1 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jelimina l-perikli jew inaqqas ***ir-riskji*** assoċjati ma' dawn il-perikli billi japplika l-miżuri protettivi, fl-ordni tal-prijorità stabbilita fit-taqsima 1.1.2(b). | (f) jelimina l-perikli jew inaqqas ***b'mod suffiċjenti r-riskji*** assoċjati ma' dawn il-perikli billi japplika l-miżuri protettivi, fl-ordni tal-prijorità stabbilita fit-taqsima 1.1.2(b). |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1. – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "periklu" tfisser sors potenzjali ta' korriment jew ħsara għas-saħħa; | (a) "periklu" tfisser sors potenzjali ta' korriment jew ħsara għas-saħħa***, inkluża s-saħħa mentali***; |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2. – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'mod li jkunu xierqa għall-funzjoni tagħhom, u b'mod li jkunu jistgħu jitħaddmu, jiġu aġġustati u miżmuma mingħajr ma jqiegħdu lil persuni f'riskju meta dawn l-operazzjonijiet isiru skont ***il-kundizzjonijiet*** previsti, iżda filwaqt li jitqies ukoll kwalunkwe użu ħażin tagħhom li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli. L-għan tal-miżuri protettivi għandu jkun li | (a) Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'mod li jkunu xierqa għall-funzjoni tagħhom, u b'mod li jkunu jistgħu jitħaddmu, jiġu aġġustati u miżmuma mingħajr ma jqiegħdu lil persuni f'riskju meta dawn l-operazzjonijiet isiru skont ***kundizzjonijiet tal-użu li jistgħu b'mod raġonevoli jiġu*** previsti, iżda filwaqt li jitqies ukoll kwalunkwe użu ħażin tagħhom li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli. L- |

| | |
|---|---|
| jiġi eliminat kull riskju matul ***il-ħajja prevista*** tal-makkinarju u l-prodotti relatati, inkluż fil-fażijiet tat-trasport, tal-assemblaġġ, taż-żarmar, tal-waqfien tat-tħaddim u tal-iskrappjar. | għan tal-miżuri protettivi għandu jkun li jiġi eliminat kull riskju matul ***iċ-ċiklu tal-ħajja prevedibbli*** tal-makkinarju u l-prodotti relatati, inkluż fil-fażijiet tat-trasport, tal-assemblaġġ, taż-żarmar, tal-waqfien tat-tħaddim u tal-iskrappjar. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2. – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness iridu jiġu implimentati u interpretati bil-kunsens tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) b'mod li jiżgura bis-sħiħ is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-operaturi tal-makkinarju u l-prodotti relatati. Il-manifatturi u l-fornituri tal-makkinarju u l-prodotti relatati jridu dejjem jimmiraw li jipprovdu l-ogħla standards possibbli tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali sabiex jiżguraw il-prevenzjoni tal-inċidenti u l-użu sikur tal-makkinarju u l-prodotti relatati. L-operaturi tal-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġu pprovduti b'tagħmir protettiv adegwat biex jiżguraw użu sikur u manutenzjoni.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.6. – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont il-kundizzjonijiet maħsuba tal-użu, l-iskumdità, l-għejja u ***t-tensjoni fiżika*** u ***psikoloġika*** li jiffaċċja l-operatur għandhom jitnaqqsu sal-inqas livell possibbli, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji ergonomiċi bħal: | Skont il-kundizzjonijiet maħsuba tal-użu, l-iskumdità, l-għejja u ***l-piż fiżiku*** u ***konjittiv tax-xogħol*** li jiffaċċja l-operatur għandhom ***jiġu eliminati jew*** jitnaqqsu sal-inqas livell possibbli, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji ergonomiċi bħal: |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.6. – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***li tiġi evitata*** rata ta' xogħol stabbilita mill-magna; | (c) ***il-prevenzjoni ta'*** rata ta' xogħol stabbilita mill-magna ***billi jkunu permessi adattamenti***; |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.6. – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***li jiġi evitat*** monitoraġġ li jeħtieġ konċentrazzjoni fit-tul; | (d) ***il-prevenzjoni ta'*** monitoraġġ li jeħtieġ konċentrazzjoni fit-tul; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.6. – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-adattament tal-interfaċċa bejn il-bniedem u l-makkinarju u l-prodotti relatati għall-karatteristiċi prevedibbli tal-operaturi, inkluż fir-rigward tal-makkinarju u l-prodotti relatati b'imġiba jew loġika mfassla biex tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali li hija ddisinjata biex taħdem b'livelli differenti ta' awtonomija; | (e) l-adattament tal-interfaċċa bejn il-bniedem u l-makkinarju u l-prodotti relatati***, inklużi s-sistemi ta' sigurtà u s-sistemi ta' interruzzjoni ta' emerġenza,*** għall-karatteristiċi prevedibbli tal-operaturi, inkluż fir-rigward tal-makkinarju u l-prodotti relatati b'imġiba jew loġika mfassla biex tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali li hija ddisinjata biex taħdem b'livelli differenti ta' awtonomija; |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.6. – paragrafu 1 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) l-adattament tal-makkinarju u l-prodotti relatati b'imġiba jew loġika mfassla biex tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali li huma ddisinjati biex jaħdmu b'livelli differenti ta' awtonomija biex jirreaġixxu għan-nies b'mod adegwat u xieraq (verbalment permezz ta' kliem u mhux verbalment permezz ta' ġesti, espressjonijiet tal-wiċċ jew movimenti tal-ġisem) ***u biex jikkomunikaw l-azzjonijiet ippjanati tagħhom (jiġifieri x'se jagħmlu u għaliex) lill-operaturi b'mod li jinftiehem***. | (f) l-adattament tal-makkinarju u l-prodotti relatati b'imġiba jew loġika mfassla biex tevolvi bis-sħiħ jew b'mod parzjali li huma ddisinjati biex jaħdmu ***abbażi ta' teknoloġiji tat-tagħlim awtomatiku, potenzjalment*** b'livelli differenti ta' awtonomija biex jirreaġixxu għan-nies b'mod adegwat u xieraq (verbalment permezz ta' kliem u mhux verbalment permezz ta' ġesti, espressjonijiet tal-wiċċ jew movimenti tal-ġisem). |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.6. – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(fa) il-komunikazzjoni mal-operaturi tal-azzjonijiet ippjanati tal-makkinarju u l-prodotti relatati (x'se jagħmlu u għaliex) b'mod li jinftiehem.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.9. – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li l-konnessjoni ta' apparat ieħor magħhom, permezz ta' kwalunkwe karatteristika tal-apparat konness innifsu jew permezz ta' kwalunkwe apparat remot li jikkomunika mal-makkinarju u l-prodotti relatati, ma twassalx għal ***sitwazzjoni*** ta' periklu. | Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li l-konnessjoni ta' apparat ieħor magħhom, permezz ta' kwalunkwe karatteristika tal-apparat konness innifsu jew permezz ta' kwalunkwe apparat remot li jikkomunika mal-makkinarju u l-prodotti relatati, ma twassalx għal ***sitwazzjonijiet potenzjalment*** ta' periklu. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.1 – punt 1.1.9. – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-komponenti tal-hardware għall-konnessjoni li huma ta' importanza kritika għall-konformità tal-makkinarju u l-prodotti relatati mar-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jkunu protetti b'mod xieraq kontra l-korruzzjoni aċċidentali jew intenzjonata. Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġbru evidenza ta' interventi leġittimi jew mhux leġittimi fil-komponenti tal-hardware. | Il-komponenti tal-hardware għall-konnessjoni ***jew għall-aċċess għal software*** li huma ta' importanza kritika għall-konformità tal-makkinarju u l-prodotti relatati mar-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jkunu protetti b'mod xieraq kontra l-korruzzjoni aċċidentali jew intenzjonata. Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom jiġbru evidenza ta' interventi leġittimi jew mhux leġittimi fil-komponenti tal-hardware ***msemmija hawn fuq***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1. – paragrafu 2 – punt (a)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jistgħu jifilħu, meta xieraq għaċ-ċirkostanzi u r-riskji, għall-istrapazz operattiv maħsub u għal influwenzi esterni maħsuba u mhux intenzjonati, inkluż ***tentattivi malizzjużi*** minn partijiet terzi biex tinħoloq sitwazzjoni ta' periklu; | (a) jistgħu jifilħu, meta xieraq għaċ-ċirkostanzi u r-riskji, għall-istrapazz operattiv maħsub u għal influwenzi esterni maħsuba u mhux intenzjonati, inkluż ***użu ħażin prevedibbli*** minn partijiet terzi biex tinħoloq sitwazzjoni ***jew funzjoni potenzjalment*** ta' periklu; |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1. – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-funzjonijiet tas-sikurezza ma jistgħux jinbidlu lil hinn mil-limiti definiti mill-manifattur fil-valutazzjoni tar-riskju tal-makkinarju u l-prodotti relatati. L- | (d) il-funzjonijiet tas-sikurezza ma jistgħux jinbidlu lil hinn mil-limiti definiti mill-manifattur fil-valutazzjoni tar-riskju tal-makkinarju u l-prodotti relatati. L- |

| | |
|---|---|
| istabbiliment tal-limiti tal-funzjonijiet tas-sikurezza għandu jkun parti mill-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-manifattur, inkluż kwalunkwe modifiki fil-konfigurazzjonijiet jew fir-regoli ġġenerati mill-makkinarju u l-prodotti relatati jew mill-operaturi, anki waqt ***il-fażi tat-tagħlim***, li ma jistgħux jaqbżu l-limiti indirizzati fil-valutazzjoni tar-riskju; | istabbiliment tal-limiti tal-funzjonijiet tas-sikurezza għandu jkun parti mill-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-manifattur, inkluż kwalunkwe modifiki fil-konfigurazzjonijiet jew fir-regoli ġġenerati mill-makkinarju u l-prodotti relatati jew mill-operaturi, anki waqt ***l-iżvilupp tagħha bbażat fuq it-tagħlim awtomatiku***, li ma jistgħux jaqbżu l-limiti indirizzati fil-valutazzjoni tar-riskju; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1. – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ir-reġistrazzjoni tad-data dwar il-proċess ***tat-teħid tad-deċiżjonijiet*** relatat mas-sikurezza wara li l-makkinarju u l-prodotti relatati jkunu ġew introdotti fis-suq jew imdaħħla fis-servizz, tkun attivata u li tali data tinżamm għal sena wara li tinġabar, esklużivament biex tintwera l-konformità tal-makkinarju u l-prodotti relatati ma' dan l-Anness wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti. | (g) ir-reġistrazzjoni tad-data dwar il-proċess ***tat-tagħlim awtomatiku*** relatat mas-sikurezza wara li l-makkinarju u l-prodotti relatati jkunu ġew introdotti fis-suq jew imdaħħla fis-servizz, tkun attivata u li tali data tinżamm għal sena wara li tinġabar, esklużivament biex tintwera l-konformità tal-makkinarju u l-prodotti relatati ma' dan l-Anness wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1. – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għandhom jiġu pprevenuti modifiki tal-konfigurazzjonijiet jew tar-regoli, iġġenerati mill-makkinarju u l-prodotti relatati jew mill-operaturi anki ***fil-fażi*** tat-tagħlim, meta tali modifiki jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' periklu; | (c) għandhom jiġu pprevenuti modifiki tal-konfigurazzjonijiet jew tar-regoli, iġġenerati mill-makkinarju u l-prodotti relatati jew mill-operaturi anki ***fil-proċess*** tat-tagħlim ***awtomatiku***, meta tali modifiki jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' periklu; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.3 – punt 1.3.7. – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1.3.7. Riskji relatati ma' partijiet li jiċċaqilqu u ***stress psikoloġiku*** | 1.3.7. Riskji relatati ma' partijiet li jiċċaqilqu***, stress psikoloġiku*** u ***piż konjittiv tax-xogħol*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.3 – punt 1.3.7. – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-prevenzjoni tar-riskji ta' kuntatt li jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' periklu ***u*** l-istress psikoloġiku li jista' jiġi kkawżat mill-interazzjoni mal-magna għandhom jiġu adattati għal: | Il-prevenzjoni tar-riskji ta' kuntatt li jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' periklu ***kif ukoll*** l-istress psikoloġiku ***u l-piż konjittiv tax-xogħol*** li jista' jiġi kkawżat mill-interazzjoni mal-magna għandhom jiġu adattati għal: |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.3 – punt 1.3.7. – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***interazzjoni*** bejn il-bniedem u l-magni. | (b) ***kollaborazzjoni diretta*** bejn il-bniedem u l-magni ***fi spazju kondiviż***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.5 – punt 1.5.13. – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta ma jkunx possibbli li riskju jiġi eliminat, il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu mgħammra b'tali mod li l-materjali u s-sustanzi perikolużi jkunu | Meta ma jkunx possibbli li riskju jiġi eliminat, il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu mgħammra b'tali mod li l-materjali u s-sustanzi perikolużi jkunu |

| | |
|---|---|
| jistgħu jiġu kkontrollati, maqbuda, evakwati, ippreċipitati bl-isprejjar tal-ilma, iffiltrati jew trattati permezz ta' metodu ieħor li jkun effettiv bl-istess mod. | jistgħu jiġu kkontrollati, maqbuda, evakwati, ippreċipitati bl-isprejjar tal-ilma, iffiltrati jew trattati permezz ta' metodu ieħor li jkun effettiv bl-istess mod. ***F'każijiet fejn l-użu ta' apparati esterni ma jkunx fattibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar l-użu ta' tagħmir protettiv personali (PPE) xieraq fl-istruzzjonijiet tat-tħaddim.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.7 – punt 1.7.4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-istruzzjonijiet ***jistgħu*** jiġu pprovduti f'format diġitali***. Madankollu, fuq talba tax-xerrej fil-ħin tax-xiri*** tal-makkinarju u l-prodotti relatati, l-istruzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti f'format stampat mingħajr ħlas. | L-istruzzjonijiet ***għandhom*** jiġu pprovduti f'format diġitali ***matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu*** tal-makkinarju u l-prodotti relatati***. Madankollu***, ***fuq talba tax-xerrej*** l-istruzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti f'format stampat mingħajr ħlas ***sa sentejn wara x-xiri tal-makkinarju u l-prodotti relatati***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.7 – punt 1.7.4. – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jippreżenta l-istruzzjonijiet f'format li jippermetti lill-utent aħħari jniżżilhom u jaħżinhom fuq apparat elettroniku sabiex ikun jista' jaċċessahom f'kull ħin, b'mod partikolari waqt ħsara fil-magna. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal makkinarju u l-prodotti relatati li jkollhom il-manwal tal-istruzzjonijiet inkorporat fis-software tagħhom. Prinċipji ġenerali għall-abbozzar tal-istruzzjonijiet | (c) jippreżenta l-istruzzjonijiet f'format li jippermetti lill-utent aħħari jniżżilhom ***matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-makkinarju u l-prodotti relatati*** u jaħżinhom fuq apparat elettroniku sabiex ikun jista' jaċċessahom f'kull ħin, b'mod partikolari waqt ħsara fil-magna. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal makkinarju u l-prodotti relatati li jkollhom il-manwal tal-istruzzjonijiet inkorporat fis-software tagħhom. Prinċipji ġenerali għall-abbozzar tal-istruzzjonijiet |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 1 – punt 1.7 – punt 1.7.4. – punt 1.7.4.2 – punt 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jew dokument li jistabbilixxi l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, li juri d-dettalji tal-makkinarju u l-prodotti relatati, u li mhux neċessarjament jinkludi n-numru tas-serje u l-firma, jew l-indirizz tal-internet fejn tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE. | (c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jew dokument li jistabbilixxi l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, li juri d-dettalji tal-makkinarju u l-prodotti relatati, u li mhux neċessarjament jinkludi n-numru tas-serje u l-firma, jew l-indirizz tal-internet fejn tista' tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ***matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-makkinarju u l-prodotti relatati.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1. – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ikollu apparat jew sistema konnessa tal-egżost, bi żbokk ta' konnessjoni għall-estrazzjoni jew sistema ekwivalenti biex jinqabdu jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi. Dan ir-rekwiżit ma japplikax meta l-applikazzjoni tiegħu tirriżulta fil-ħolqien ta' riskju ġdid, meta l-funzjoni ewlenija tal-makkinarju tkun l-isprejjar ta' sustanzi perikolużi u għall-emissjonijiet ta' magni b'kombustjoni interna. Il-mankijiet tal-makkinarju portabbli għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li jippermettu startjar u waqfien sempliċi. | (e) ikollu apparat jew sistema konnessa tal-egżost, bi żbokk ta' konnessjoni għall-estrazzjoni jew sistema ekwivalenti biex jinqabdu jew jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi. Dan ir-rekwiżit ma japplikax meta l-applikazzjoni tiegħu tirriżulta fil-ħolqien ta' riskju ġdid, meta l-funzjoni ewlenija tal-makkinarju tkun l-isprejjar ta' sustanzi perikolużi u għall-emissjonijiet ta' magni b'kombustjoni interna. Il-mankijiet tal-makkinarju portabbli għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li jippermettu startjar u waqfien sempliċi. ***Il-makkinarju jista' jkun mgħammar biss b'konnessjoni għal sistema tal-egżost jekk ikun maħsub għal ma' dan it-tip ta' tħaddim. F'sitwazzjonijiet fejn l-użu ta' apparati esterni ma jkunx fattibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar l-użu ta' tagħmir protettiv personali (PPE) xieraq fl-istruzzjonijiet tat-tħaddim.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – parti 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-makkinarju li jippreżenta riskji minħabba l-mobbiltà tiegħu għandu jissodisfa r-rekwiżiti*** essenzjali kollha tas-saħħa u tas-sikurezza ***deskritti*** f'dan ***il-kapitolu (ara l-Prinċipji Ġenerali, il-punt 4)***. | ***Ir-rekwiżiti*** essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza ***stabbiliti*** f'dan ***l-Anness huma obbligatorji***. ***Il-makkinarju u l-prodotti relatati għandhom ikunu ddisinjati u mibnija bl-iskop li jqarrbu lejn dawk l-objettivi.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2. – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jkun hemm riskju li operaturi jew persuni oħra trasportati mill-makkinarju jistgħu jitgħaffġu bejn il-partijiet tal-makkinarju u l-inħawi fejn jinsab il-makkinarju f'każ li l-makkinarju jinqaleb fuq ġenb jew 'il quddiem jew lura, b'mod partikolari b'referenza għal makkinarju mgħammar bi struttura protettiva kif imsemmi fit-taqsima 3.4.3 jew 3.4.4, il-makkinarju għandu jkun iddisinjat jew mgħammar b'sistema ta' trażżin li żżomm il-persuni fis-sedili tagħhom jew fl-istruttura protettiva, mingħajr ma tirrestrinġi l-movimenti meħtieġa għat-tħaddim jew il-movimenti b'mod relattiv għall-istruttura kkawżati mis-sospensjoni tas-sedili. Dawn is-sistemi ta' trażżin ma għandhomx jiġu installati jekk iżidu r-riskju. | Meta jkun hemm riskju li operaturi jew persuni oħra trasportati mill-makkinarju jistgħu jitgħaffġu bejn il-partijiet tal-makkinarju u l-inħawi fejn jinsab il-makkinarju f'każ li l-makkinarju jinqaleb fuq ġenb jew 'il quddiem jew lura, b'mod partikolari b'referenza għal makkinarju mgħammar bi struttura protettiva kif imsemmi fit-taqsima 3.4.3 jew 3.4.4, il-makkinarju għandu jkun iddisinjat jew mgħammar b'sistema ta' trażżin li żżomm il-persuni fis-sedili tagħhom jew fl-istruttura protettiva, mingħajr ma tirrestrinġi l-movimenti meħtieġa għat-tħaddim jew il-movimenti b'mod relattiv għall-istruttura kkawżati mis-sospensjoni tas-sedili. Dawn is-sistemi ta' trażżin ***għandu jkollhom disinn ergonomiku u*** ma għandhomx jiġu installati jekk iżidu r-riskju. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – Parti 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2. – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu jiġi pprovdut sinjal viżwali ***jew*** akustiku fil-post tas-sewqan li jwissi lis-sewwieq meta s-sistema ta' trażżin ma tkunx attiva. | ***Il-makkinarju ma għandux ikun jista' jiċċaqlaq meta s-sistema ta' trażżin ma tkunx attiva f'każ li jkun hemm riskju sinifikanti li jinqaleb fuq ġenbu jew 'il quddiem jew lura.*** Għandu jiġi pprovdut sinjal viżwali ***u*** akustiku fil-post tas-sewqan li jwissi lis-sewwieq meta s-sistema ta' trażżin ma tkunx attiva |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – Parti 3 – punt 3.3 – punt 3.3.3. – paragrafu 6 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-makkinarju mobbli awtonomu u l-prodotti relatati għandhom jikkonformaw ma' ***kwalunkwe*** waħda ***mill-kundizzjonijiet*** li ġejjin: | Il-makkinarju mobbli awtonomu u l-prodotti relatati għandhom jikkonformaw ma' ***mill-inqas*** waħda ***miż-żewġ kundizzjonijiet*** li ġejjin: |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-makkinarju u l-prodotti relatati |
| **Referenzi** | COM(2021)0202 – C9-0145/2021 – 2021/0105(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>7.6.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>16.12.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Marianne Vind<br>1.12.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 13.1.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.3.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 0<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Atidzhe Alieva-Veli, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Rosa Estaràs Ferragut, Nicolaus Fest, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, France Jamet, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Giuseppe Milazzo, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Manuel Pizarro, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Michal Šimečka, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Marie-Pierre Vedrenne, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tatjana Ždanoka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Evelyn Regner, Eugenia Rodríguez Palop, Sara Skyttedal |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 51 | + |
|---|---|
| ECR | Giuseppe Milazzo, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Beata Szydło |
| ID | Dominique Bilde, France Jamet, Elena Lizzi, Stefania Zambelli |
| NI | Ádám Kósa, Daniela Rondinelli |
| PPE | David Casa, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kympouropoulos, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Sara Skyttedal, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo, Michal Šimečka, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Manuel Pizarro, Evelyn Regner, Marianne Vind |
| The Left | Leila Chaibi, Özlem Demirel, Eugenia Rodríguez Palop, Nikolaj Villumsen |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri, Tatjana Ždanoka |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ID | Nicolaus Fest, Guido Reil |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni